

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Drittijietek](#) > [Imputati \(proċeduri Kriminali\)](#) > 1 - Parir mingħand avukat

## 1 - Parir mingħand avukat

### Kif issib avukat

Minbarra fi kwistjonijiet kriminali, l-assistenza ta' avukat mhijiex obligatorja iżda hija rakkomandata.

L-għażla ħielsa ta' avukat hija prinċipju fundamentali.

Int tkun liberu li tagħżel avukat jekk tkun taf b'wieħed partikolari jew inkella titlob li jiġi nnominat wieħed għalik.

Tista' tagħżel avukat permezz tas-sistema "bil-fomm," jiġifieri jekk tkun taf lil xi wieħed int jew jekk xi ħadd li jiġi minnek jirrakkomandalek wieħed.

Tista' tikkonsulta l-lista tal-avukati qrib ir-residenza tiegħek jew fil-Qorti tal-Prim'Istanza tal-belt tiegħek, jew fid-diversi kunsilli lokali jew inkella fil-Kamra tal-Avukati li tinsab l-aktar qrib tar-residenza tiegħek.

Tista' wkoll tikkonsulta direttorju telefoniku jew tagħmel tiftixa fuq l-internet.

Diversi siti joffru d-direttorji tal-avukati onlajn skont il-qasam ta' speċjalizzazzjoni tagħhom:

- [Il-Kunsill Nazzjonali tal-Kamra tal-Avukati \(Conseil National des Barreaux\)](#)
- [L-Ordni tal-Kamra tal-Avukati ta' Pariġi \(Ordre des Avocats du Barreau de Paris\)](#)
- [Il-Ministeru tal-Ġustizzja \(Ministère de la justice\)](#)

Diversi Kmamar tal-Avukati jipprovdu wkoll xogħol tal-għassa fil-Palazz tal-Ġustizzja, fil-kunsilli lokali jew fil-*Maisons de justice et du Droit* (fiċ-ċentri ta' informazzjoni legali u ġuridika).

Jekk int miżmum taħt arrest, hemm diversi possibilitajiet biex tagħżel avukat.

Xi listi ta' avukati jitwaħħlu għewwa l-ħabsijiet.

Assoċjazzjonijiet li jintervjenu fiċ-ċentri ta' detenzjoni jistgħu jirrakkomandawlek u jgħinuk tagħżel avukat. (Osservatorju Internazzjonali tal-Ħabsijiet - *Observatoire International des Prisons*, Assoċjazzjoni tal-Viżitaturi tal-Ħabsijiet - *Association des Visiteurs de Prisons...*).

Is-servizzi ta' konsulenza tal-pajjiż tal-orijini tiegħek jistgħu jgħinuk tagħżel avukat.

Tista' wkoll titlob lill-President tal-Kamra tal-Avukati tal-ġurisdizzjoni li tinsab fiha, sabiex jagħżillek avukat tal-għajnuna legali biex jassistik.

### Kif tħallas għal avukat

Jekk tirrikorri għand avukat, trid tħallas għalih. Id-drittijiet tal-avukati mhumiex fissi u jiġu stabbiliti permezz ta' ftehim bejnietkom.

Tista' tiffirma ftehim dwar id-drittijiet tal-avukat li huwa intitolat jitolbok il-ħlas ta' garanzija matul ir-rappreżentazzjoni fil-każ tiegħek.

Madanakollu, jekk ir-riżorsi tiegħek huma inqas minn ċertu livell, tista', f'ċerti kundizzjonijiet, tibbenefika mill-[għajnuna legali](#).

Għalhekk, skont id-dħul tiegħek, l-Istat jista' jħallas parti jew is-somma sħiħa mill-ispejjeż tal-avukat maħtur mill-għajjnuna legali. Jekk ma tistax tibbenefika mill-għajjnuna legali, il-ħatra tal-avukat mill-għajjnuna legali tinbidel f'ħatra personali u għaldaqstant tkun trid tiffissa t-total tad-drittijiet dovuti mal-avukat.

F'każ li tkun tibbenefika minn ħlas parzjali biss, int trid tħallas id-drittijiet totali dovuti li jkun jifdal lill-avukat.

■ L-aħħar aġġornament: 18/08/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.